

Brussell, 30 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

15230/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0414(NLE)**

---

**ECOFIN 1238**  
**FIN 1263**  
**UEM 340**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 686 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Ungerija

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 686 final.

Mehmuż: COM(2022) 686 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.11.2022  
COM(2022) 686 final

2022/0414 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Ungerija**

{SWD(2022) 686 final}

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Ungerija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija tal-Ungerija. Fl-2019, il-prodott domestiku gross *per capita* (PDG *per capita*) tal-Ungerija kien 48 % tal-medja tal-Unjoni. Il-PDG reali tal-Ungerija naqas b'4,5 % fl-2020 u żdied bi 2,3 % kumulattivament fl-2020 u fl-2021. Sfidi fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu t-tkabbir fil-produttività, id-disponibbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, investiment fil-kapital uman u kwalità istituzzjonali.
- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019, fl-20 ta' Lulju 2020 u fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lill-Ungerija fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikulari, il-Kunsill irrakkomanda li l-Ungerija tkompli bl-integrazzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, bit-titjib fl-adegwatezza tal-assistenza soċjali u tal-benefiċċji tal-qgħad, bit-titjib fir-riżultati tal-edukazzjoni u biż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-gruppi żvantaġġati fl-edukazzjoni tradizzjonali ta' kwalità. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u jittejjeb l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa preventiva u primarja ta' kwalità. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li l-Ungerija ssaħħaħ il-qafas kontra l-korruzzjoni, inkluż billi ttejjeb l-isforzi tal-prosekuzzjoni tagħha u l-aċċess għall-informazzjoni pubblika, issaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja, tiżgura l-involviment effettiv tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess tat-tfassil tal-politika u ttejjeb il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. L-Ungerija kienet irrakkomandata wkoll tissimplifika s-sistema fiskali, filwaqt li ssaħħaħha kontra r-riskju ta' pjanar aggressiv tat-taxxa, kif ukoll ittejjeb il-kompetizzjoni u l-prevedibbiltà regolatorja fis-settur tas-servizzi, u tapplika l-iskrutinju tal-kompetizzjoni b'mod sistematiku fit-tranżazzjonijiet tan-negozju. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Ungerija tiżgura li kwalunkwe miżura ta' emerġenza tkun strettament proporzjonata u jenħtieġ li din ma

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

tinterferix mal-attivitajiet tan-negozju. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li l-Ungerija timplimenta miżuri biex tiżgura l-appoġġ ta' likwidità għall-impriżi żgħar u medji fil-kuntest tal-pandemija, li jkun hemm frontloading ta' proġetti ta' investment pubbliku u li tippromwovi l-investment privat biex trawwem l-irkupru ekonomiku. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Ungerija ttejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li tippreserva l-adegwatezza b'mod partikolari permezz tal-indirizzar tal-inugwaljanzi fl-introjtu. L-Ungerija kienet irrakkomandata wkoll tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari l-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, it-trasport sostenibbli, u l-infrastruttura diġitali għall-iskejjel, u tippromwovi r-riforma u l-investment fuq l-immaniġġar sostenibbli tal-ilma u tal-iskart u ċ-ċirkolarità tal-ekonomija, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji, il-ħiliet ekoloġiċi u diġitali, u r-riċerka u l-innovazzjoni. Fl-aħħar nett, l-Ungerija kienet irrakkomandata tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi taċċellera l-iskjerament tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari billi tissimplifika l-proċeduri li jippermettu dan u l-aġġornament tal-infrastruttura tal-elettriku, tiddiversifika l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili billi, fost l-oħrajn, issaħħaħ l-interkonnessjoni bil-parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħrajn, u tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fil-binjiet u fit-trasport billi żżid l-isforzi għall-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija għal kulħadd, speċjalment fid-djar residenzjali u għall-elettrifikazzjoni tat-trasport.

- (3) Ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Ungerija fl-20 ta' Lulju 2020 kien fihom aktar gwida ta' politika speċifika biex tingħeleb il-pandemija tal-COVID-19. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, "RRP"), il-Kummissjoni ssib li r-rakkomandazzjoni dwar it-teħid ta' miżuri meħtieġa biex jindirizzaw b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, isostnu l-ekonomija u jappoġġaw l-irkupru sussegwenti ġiet implementata bis-sħiħ. Sar progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar l-għoti ta' appoġġ ta' likwidità lill-impriżi żgħar u medji u dwar il-promozzjoni tal-investment privat.
- (4) Fil-11 ta' Mejju 2021, l-Ungerija ppreżentat l-RRP nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-preżentazzjoni saret wara proċess ta' konsultazzjoni, immexxi f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, li kien jinvolvi awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjoni taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-verżjoni ppreżentata f'Mejju 2021 kienet ikkomplementata u aġġornata mill-Ungerija, f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, u ġiet ippreżentata verżjoni kkonsolidata lill-Kummissjoni fit-3 ta' Novembru 2022. Is-sjieda nazzjonali tal-RRPs tirded l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.
- (5) Jenħtieġ li l-RRPs isegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/241 u tal-Istrument tal-UE għall-Irkupru stabbilit

bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094<sup>2</sup> sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Jenftieg li dawn jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastru msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (6) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri se jikkostitwixxu sforz ikkoordinat li jinvolvi investiment u riformi madwar l-Unjoni. Permezz tal-implimentazzjoni kkoordinata u simultanja ta' dawn ir-riformi u l-investimenti u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera, dawn ir-riformi u investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi madwar l-Unjoni kollha. Għaldaqstant, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità dwar it-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol se jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

### ***Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastru***

- (7) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a) u l-Anness V, il-kriterju 2.1 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jirrappreżenta fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastru kollha kemm huma msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat.
- (8) L-RRP jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastru kollha, b'għadd ta' komponenti li jindirizzaw diversi pilastru fl-istess ħin. L-RRP jinkludi firxa wiesgħa ta' miżuri, b'enfasi partikolari fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, it-trasformazzjoni diġitali, il-bini ta' reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, u fuq il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss. L-RRP jinkludi wkoll miżuri li jappoġġaw it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u koeżjoni soċjali u territorjali, f'konformità mal-Istrateġija Industrijali Ewropea.
- (9) L-RRP jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u għat-trasformazzjoni diġitali. It-tranżizzjoni ekoloġika hija appoġġata b'mod partikolari permezz ta' riformi u investimenti fil-qasam tat-trasport sostenibbli, l-enerġija, il-ġestjoni tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari. Miżuri ewlenin jinkludu investimenti fi trasport pubbliku b'livell żero ta' karbonju, żviluppi fil-grilja enerġetika u ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Diversi komponenti fihom miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini pubbliku u residenzjali. It-trasformazzjoni diġitali hija appoġġata partikolarment permezz ta' miżuri li jippromwovu d-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni u l-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tas-setturi tas-saħħa, tal-enerġija u tat-trasport, u l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali.
- (10) Għadd sinifikanti ta' riformi u investimenti fl-RRP għandhom l-għan li jtejbu l-kura tas-saħħa u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali. Miżuri fis-settur tal-kura tas-saħħa huma mistennija jtejbu l-effiċjenza u l-aċċess għal kura għal kulħadd. Il-miżuri jinkludu wkoll titjib fil-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni għan-nies li jgħixu fl-ifqar insedjamenti. Ir-riformi istituzzjonali ewlenin huma mistennija jtejbu r-reżiljenza tal-ekonomija permezz tat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

indipendenza tal-ġudikatura. Ir-riformi previsti għandhom l-għan li jissimplifikaw is-sistema fiskali u jsaħħuha kontra r-riskju ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, kif ukoll li jsaħħu r-rwol tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-valutazzjonijiet tal-impatt fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet biex tittejjeb il-kwalità regolatorja u l-prevedibbiltà. It-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv huwa mistenni jintlaħaq partikolarment permezz ta' diversi miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, inkluż azzjonijiet immirati li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-impriżi żgħar u medji, u li jippromwovu r-riċerka u l-innovazzjoni.

- (11) Il-koezzjoni soċjali u territorjali hija mistennija tiġi promossa permezz ta' firxa wiesgħa ta' miżuri fl-RRP, partikolarment riformi u investimenti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' forza tax-xogħol kwalifikata u kompetittiva, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' ħliet diġitali u vokazzjonali, kif ukoll riformi biex tittejjeb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Barra minn hekk, diversi miżuri għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi speċifiċi tal-aktar insedjamenti żvantaġġati, u miżuri fil-qasam tal-kura tas-saħħa jikkontribwixxu wkoll għal aktar servizzi komprensivi ta' kura primarja u aċċessibbiltà ta' kura fl-isptarijiet ta' kwalità. Fl-aħħar nett, parti sinifikanti tal-RRP hija ddedikata għal politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, b'mod partikolari bid-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, bit-titjib tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva u biż-żieda fid-disponibbiltà ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal.

***Indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti taġġhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż***

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b) u l-Anness V, il-kriterju 2.2 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti taġġhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lill-Ungerija, inklużi aspetti fiskali tiegħu jew sfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (13) L-RRP jinkludi sett estensiv ta' riformi li jsaħħu lil xulxin u investimenti li jikkontribwixxu għall-indirizzar effettiv tal-isfidi kollha jew subsett sinifikanti taġġhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Ungerija mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019, fl-2020 u fl-2022, partikolarment rigward it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, l-edukazzjoni, is-suq tax-xogħol, il-politika soċjali, il-kura tas-saħħa, il-qafas kontra l-korruzzjoni, l-indipendenza ġudizzjarja, il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, il-kwalità u t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet, it-tassazzjoni u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, u s-sistema tal-pensjonijiet.
- (14) L-RRP fih diversi miżuri rilevanti biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika. Fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija, il-pjan jinkludi riformi biex jittejjeb l-proċeduri ta' permess għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli, tiġi simplifikata l-konnessjoni mal-grilja ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli żgħar, u jitneħħew l-ostakli għall-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ. L-Ungerija impenjat li żżid il-kapaċità totali tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli awtorizzata li tkun konnessa mal-grilja sa mill-inqas 10 000 MW sal-2026. L-RRP jinkludi wkoll investimenti li għandhom l-għan li jżidu l-iskjerament tal-produzzjoni tal-enerġija solari, kif ukoll li jtejjeb n-network tal-elettriku sabiex tkun permessa l-integrazzjoni sigura tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli. L-RRP jinkludi wkoll diversi investimenti għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija ta' binjiet pubbliċi, b'mod

partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, kif ukoll f'binjiet residenzjali. Fir-rigward tat-trasport sostenibbli, l-RRP jinkludi investimenti biex jiġi żvilupp in-network ferrovjarju suburban, in-network ferrovjarju fuq il-kurituri tat-TEN-T, trasport bil-karozzi tal-linja b'emissjonijiet zero u l-ġestjoni tat-traffiku ċentrali fuq il-ferroviji TEN-T. Barra minn hekk, l-Ungerija se tintroduċi tariffa nazzjonali unika, ħruġ ta' biljetti u sistema ta' informazzjoni għal-passiġġieri għall-karozzi tal-linja u l-ferroviji. L-RRP jinkludi wkoll miżuri li għandhom l-għan li jippromwovu riformi u investimenti fuq l-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, kif ukoll il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, inkluż permezz tal-promozzjoni taż-żamma tal-ilma bbażata fuq in-natura.

- (15) L-RRP fih ukoll diversi miżuri rilevanti biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni diġitali. L-RRP jinkludi miżuri li għandhom l-għan li jipprovdu notebooks diġitali u taħriġ rilevanti għall-għalliema u t-tfal tal-iskola fl-edukazzjoni pubblika, apparat tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (information and communications technology, ICT) għall-iskejjel primarji u sekondarji, inkluż l-iskejjel tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, għall-universitajiet u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għall-adulti, u li jżidu d-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa u s-setturi tat-trasport. Barra minn hekk, l-RRP jinkludi xi miżuri biex tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari permezz ta' pjattaformi elettroniċi ta' rapportar għal skopijiet ta' tassazzjoni, aktar żvilupp tas-sistema tal-akkwist elettroniku u t-titjib tas-sistema tal-ġestjoni tal-fajls tas-servizz ta' prosekuzzjoni.
- (16) L-RRP jinkludi diversi miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi fl-edukazzjoni. Il-pjan fih riformi biex tittejjeb l-attrattività tal-professjoni tat-tagħlim permezz ta' mekkaniżmu li jiżgura konverġenza gradwali tal-pagi tal-għalliema għal mill-inqas 80 % tal-paga medja tal-gradwati terzjarji, biex titnaqqas is-segregazzjoni fl-iskejjel kif ukoll biex jiġi żgurat l-aċċess għal-edukazzjoni fl-iskejjel ta' kwalità, b'mod partikolari billi t-tfal tal-iskola u l-għalliema jingħataw l-apparat meħtieġ biex jipparteċipaw fl-edukazzjoni diġitali moderna, u billi jiġu żviluppanti l-ħiliet diġitali tal-istudenti u tal-għalliema. L-RRP fih ukoll investimenti li għandhom l-għan li jipprovdu opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid għall-għalliema u taħriġ maniġerjali speċifiku għall-kapijiet u l-viċi kapijiet tal-iskejjel, li tiġi appoġġata l-integrazzjoni tal-istudenti bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali fl-edukazzjoni formali u li jitnieda proċess ta' integrazzjoni ta' klassijiet tal-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell ta' skejjel żgħar u bi prestazzjoni baxxa fi skejjel ikbar, bil-ħsieb li tittejjeb l-effiċjenza u l-kwalità tal-edukazzjoni. Barra minn hekk, l-isfidi relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni huma indirizzati bit-twaqqif tal-laboratorji nazzjonali biex tittejjeb l-ekosistema għax-xjenza u l-innovazzjoni.
- (17) Ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar l-integrazzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xoġhol hija indirizzata permezz tal-ħolqien ta' postijiet addizzjonali fil-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, il-promozzjoni tal-opportunitajiet ta' xoġhol għal dawk li jgħixu fl-aktar insedjamenti żvantaġġati, u investimenti f'taġħmir edukattiv diġitali, kontenut ta' taġħlim diġitali, korsijiet ta' taħriġ għall-adulti, u ambjent ta' taġħlim modernizzat fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet.
- (18) L-RRP jinkludi diversi miżuri biex jiġu indirizzati sfidi speċifiċi relatati mal-politiki soċjali billi jipprovdi appoġġ komprensivi għall-abitanti tal-aktar 300 insedjament żvantaġġat. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jippromwovu l-impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet abbażi ta' speċifiċitajiet lokali, biex jinkisbu eżiti aħjar tat-tagħlim permezz

ta' pedagoġija orjentata lejn il-komunita, biex jinbnew u jiġu rinnovati djar soċjali, u biex jiġu stabbiliti impjanti tal-enerġija solari soċjali.

- (19) L-RRP jistabbilixxi sett wiesa' ta' riformi u investimenti biex jindirizza l-aktar sfidi kritiċi tas-servizzi tal-kura. Dan jinkludi b'mod partikolari investimenti fl-aġġornament tal-infrastruttura u t-tagħmir tal-isptar, l-ottimizzazzjoni tan-network tal-kura fl-isptar, u l-iżvilupp tal-kura primarja u preventiva billi jistabbilixxi komunitajiet ta' Prattikanti ġenerali li jipprovdu servizzi integrati tal-kura tas-saħħa. Dan huwa kkomplementat b'investimenti fil-kura tas-saħħa diġitali, bħall-programmi ta' diġitalizzazzjoni u monitoraġġ mill-bogħod għall-kura tal-anzjani. Miżura oħra tappoġġa l-eradikazzjoni tal-pagamenti ta' gratwità fis-sistema tal-kura tas-saħħa.
- (20) L-RRP jinkludi għadd ta' miżuri biex jissaħħaħ il-qafas kontra l-korruzzjoni. Dawn jinkludu l-istabbiliment ta' Awtorità għall-Integrità biex issaħħaħ b'mod effettiv il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-kunflitt ta' interess u l-korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħrajn li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija, b'enfasi partikolari fuq l-akkwist pubbliku u l-iżgurar tal-validità tad-dikjarazzjonijiet tal-assi. Skont l-RRP, jenħtieġ li l-Awtorità għall-Integrità jkollha setgħat estensivi biex tintervjeni fil-każijiet kollha fejn fil-fehma tagħha l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jkunux hađu l-passi meħtieġa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-kunflitt ta' interess, il-korruzzjoni u illegalitajiet u irregolaritajiet oħrajn li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-indipendenza sħiħa tal-Awtorità għall-Integrità tkun garantita, inkluż permezz tal-proċess tal-għażla għall-persunal tagħha, il-maniġment u l-proċess għall-istabbilizzazzjoni tal-baġit tagħha. Miżura oħra tikkonsisti fit-twaqqif ta' Task Force kontra l-Korruzzjoni, b'involvement sinifikanti ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi indipendenti, biex teżamina kontinwament il-miżuri eżistenti kontra l-korruzzjoni u tfassal proposti li jikkonċernaw it-titjib tal-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjonar tal-korruzzjoni u prattiki oħrajn bħan-nepotiżmu, il-favoritiżmu jew ir-“revolving doors” bejn is-setturi pubbliċi u privati. Skont l-RRP, jenħtieġ li t-Task Force tkun ippreseduta mill-president tal-Awtorità għall-Integrità, iżda jenħtieġ li din taħdem indipendentement minn dik l-Awtorità. Barra minn hekk, l-RRP jinkludi miżuri biex jappoġġa tisħiħ fil-kooperazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), biex ipoġġi fis-seħħ ambitu personali u materjali estiż għad-dikjarazzjonijiet tal-assi, u biex isaħħaħ is-sorveljanza u t-trasparenza ta' kif il-fondazzjonijiet għall-amministrazzjoni ta' assi ta' interess pubbliku jwettqu attivitajiet ta' interess pubbliku, u persuni ġuridiċi stabbiliti jew mantnuti minnhom, jużaw l-appoġġ tal-Unjoni. L-RRP jinkludi wkoll għadd ta' riformi li għandhom l-għan li jsaħħu l-arranġamenti leġislattivi, istituzzjonali u prattiċi biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u illegalitajiet u irregolaritajiet oħrajn b'mod aktar effettiv fl-użu tal-appoġġ tal-Unjoni. L-RRP jinkludi wkoll riforma biex isaħħaħ il-qafas kontra l-korruzzjoni billi jistabbilixxi l-possibbiltà ta' sħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet mis-servizz tal-prosekuzzjoni jew l-awtorità investigattiva li jiċħad rapport ta' reat jew itemm il-proċedimenti kriminali. Miżura tipprevedi wkoll l-implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġija Nazzjonali kontra l-korruzzjoni attwali tal-Ungerija u pjan ta' azzjoni kif ukoll it-tnejjija ta' strateġija Nazzjonali kontra l-korruzzjoni u pjan ta' azzjoni. Diversi miżuri fl-RRP jikkontribwixxu għal żieda fit-trasparenza tad-*data* pubblika u l-aċċess għaliha, anke bl-għan li jissaħħaħ il-qafas kontra l-korruzzjoni billi tiġi ffaċilitata s-sorveljanza indipendenti. Dawn il-miżuri jinkludu t-twaqqif u t-tħaddim ta' reġistru ċentrali konsultabbli dwar l-użu tal-fondi

pubbliċi, l-eliminazzjoni jew l-illimitar tal-kostijiet relatati mat-talbiet għal informazzjoni pubblika, it-tqassir tal-proċeduri tal-qorti fuq kawżi relatati mal-aċċess għall-informazzjoni pubblika, u kontrolli regolari fuq il-korpi pubbliċi kollha biex jiġi vvalutat jekk dawn jikkonformawx mar-rekwiżiti rispettivi tagħhom fuq l-aċċess għad-*data* ta' interess pubbliku.

(21) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar it-tiżni tal-indipendenza ġudizzjarja huma indirizzati minn diversi riformi fl-RRP li huma mistennija jsaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qorti u tal-imħallfin stabbiliti bil-liġi f'konformità mal-Artikolu 19 tat-TFUE u l-acquis tal-UE rilevanti, u b'hekk jogħla l-istandard tal-protezzjoni ġudizzjarja u t-titjib tal-klima tal-investment fl-Ungerija. Il-pjan jinkludi miżuri biex jissaħħaħ ir-rwol relattiv u s-setgħat tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali fir-rigward tas-setgħat tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura. L-eżerċizzju tal-kontroll effettiv fuq il-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura mill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali huwa mistenni jnaqqas il-possibbiltà ta' deċiżjonijiet arbitrari fl-amministrazzjoni ċentrali tal-qorti, inkluż fir-rigward tal-ħatriet ġudizzjarji, u , għaldaqstant, isaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja. Skont l-RRP, jenħtieġ li dan jinkiseb partikolarment billi jiġi introdott ir-rekwiżit għal opinjoni vinkolanti motivata tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali dwar deċiżjonijiet individwali, bħall-idoneità tal-kandidati għall-karigi ta' President u Viċi President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura, abbażi ta' kriterji ta' idoneità; l-annullament ta' proċeduri tal-ħatra għal karigi ġudizzjarji u ta' uffiċjali eżekuttivi; it-trasferiment ta' mħallfin; u t-tneħħija tal-imħallfin mill-pula ta' mħallfin għal kawżi speċjali, inklużi dawk amministrattivi. Jenħtieġ li l-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali jagħti wkoll opinjoni vinkolanti motivata dwar regolamenti bħas-sistema ta' punti għall-karigi ġudizzjarji, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' bonuses, it-taħriġ tal-imħallfin, l-ammont ta' xogħol nazzjonali, u l-għadd ta' karigi ġudizzjarji. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-membri mħallfin tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali jkollhom il-possibbiltà li jerġgħu jiġu eletti għall-mandat li jkun imiss, u jenħtieġ li l-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali jkollu aċċess għad-dokumenti kollha, il-kapaċità ġuridika u l-awtonomija fl-iżborż tal-baġit tiegħu, u d-dritt li jressaq kawża quddiem il-qorti kompetenti u l-Qorti Kostituzzjonali biex jiddefendi l-prerogattivi tiegħu. Jenħtieġ li jiġu introdotti wkoll regoli mhux diskrezzjonarji dwar id-deżinjazzjoni ta' presidenti ta' qorti *ad interim* u projbizzjoni għar-reintegrazzjoni tal-imħallfin għal istanza ta' qorti superjuri wara li jiġu sekondati. Riforma oħra hija mistennija li ssaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja tal-Qorti Suprema (*Kúria*), partikolarment billi jiġu emendati r-regoli dwar l-elezzjoni tal-president tal-*Kúria*, li jenħtieġ li jkollu mill-inqas ħames snin esperjenza bħala mħallef u jenħtieġ li ma jkollux il-possibbiltà li jerġa' jiġi elett. Jenħtieġ li l-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali jagħti opinjoni vinkolanti motivata dwar l-idoneità tal-kandidati għal President u Viċi President tal-*Kúria*. Jenħtieġ li r-riforma tneħħi wkoll il-possibbiltà li l-membri tal-Qorti Kostituzzjonali jinħatru fil-*Kúria* barra mill-proċedura ta' applikazzjoni normali, ittejjeb l-iskema tal-allokkazzjoni tal-kawżi, u tiżgura setgħat aktar b'saħħithom għall-kunsill ġudizzjarju tal-*Kúria*. Aktar riformi huma mistennija jneħħu ostakli għal referenzi għal deċiżjonijiet preliminari għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jneħħu l-possibbiltà, introdotta fl-2019, li l-awtoritajiet pubbliċi jikkontestaw deċiżjonijiet ġudizzjarji finali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet finali jittieħdu mill-qorti indipendenti kompetenti.

(22) L-RRP jinkludi wkoll diversi miżuri biex jiġu indirizzati sfidi relatati mal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, inkluż billi tissaħħaħ l-integrità tal-proċeduri tal-

akkwist pubbliku. Riforma tikkonsisti fl-iżvilupp u fl-użu kontinwu ta' għodda ta' monitoraġġ li tivvaluta l-livell u l-kawża tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratt li jirriżultaw f'offerta uniċi. Riforma oħra għandha l-għan li tiżviluppa qafas ta' kejl tal-prestazzjoni biex jiġu vvalutati regolament l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi, u r-raġunijiet għall-kompetizzjoni limitata fis-setturi l-aktar affettwati mill-livell baxx tal-kompetizzjoni. Jenħtieġ li jiffassal u jiġi implimentat pjan ta' azzjoni, ibbażat fuq Prattiki Internazzjonali Tajbin, biex jiżded il-livell tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. L-RRP, li jibni fuq dawn ir-riformi, jinkludi impenn biex l-Ungerija tnaqqas u żżomm is-sehem tal-akkwisti pubbliċi li jirriżultaw f'offerta uniċi għal inqas minn 15 %, kemm għall-proċeduri ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-appoġġ tal-Unjoni kif ukoll għall-proċeduri ffinanzjati unikament minn riżorsi nazzjonali. Biex jakkumpanja dawn ir-riformi, L-RRP jinkludi opportunitajiet ta' taħriġ u skema ta' sostenn biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-impriżi mikro, żgħar u medji fil-proċeduri għall-għoti ta' kuntratt, u miżuri biex tiġi żviluppata s-sistema tal-akkwist pubbliku elettronika biex jiġu ffaċilitati s-sorveljanza indipendenti u l-analiżi tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku.

- (23) L-RRP jinkludi riformi biex jitjiebu l-kwalità u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' dialogu soċjali effettiv, impenn ma' partijiet ikkonċernati u valutazzjonijiet tal-impatt regolari. Miżuri relatati għandhom l-għan li jiżguraw li l-abbozzi tal-atti leġiżlattivi mħejjija mill-Gvern sistematikament jgħaddu minn konsultazzjoni pubblika għal perjodu suffiċjenti ta' żmien, sakemm ma jkunx hemm ġustifikazzjoni dovuta, u li l-valutazzjonijiet tal-impatt ikunu mħejjija u disponibbli għall-pubbliku b'mod konsistenti għall-abbozzi tal-atti leġiżlattivi kollha. L-involvement espliċitu tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet huwa wkoll kundizzjoni ta' prerekwiżit għal ħafna miżuri fl-RRP. L-involvement tal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni u s-sorveljanza tal-RRP innifsu huwa wkoll previst permezz tat-twaqqif u t-tħaddim ta' kumitat ta' monitoraġġ, li minnu jenħtieġ li mill-inqas nofs il-membri jkun għejjin minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kompletament indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi.
- (24) L-RRP fih ukoll miżuri rigward l-ambjent tan-negozju, partikolarment dwar it-titjib tas-sistema fiskali. L-RRP jinkludi riformi li għandhom l-għan li jindirizzaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa b'mod aktar effettiv, bħaż-żieda fir-rapportar tad-*data* dwar l-ipprezzar ta' trasferiment, l-introduzzjoni tar-rekwiżiti ta' sustanza minima għat-taxxa korporattiva fuq l-introjt għall-kumpaniji fittizji u t-twessigħ tar-regoli tan-nuqqas ta' possibbiltà ta' tnaqqis għal pagamenti 'l barra għal ġuriżdiżjonijiet b'taxxa baxxa jew zero. Fir-rigward tas-simplifikazzjoni tat-taxxa, il-pjan jinkludi miżuri biex jitnaqqas l-għadd ta' taxxi u fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-proċeduri ta' konformità mar-regoli tat-taxxa.
- (25) L-RRP jinkludi pjan direzzjonali tar-riformi li jtejjeb is-sostenibbiltà fit-terminu medju u fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet tal-Ungerija, filwaqt li jsahha l-adegwatezza tal-intitolamenti tal-pensjonanti b'introjt baxx. L-RRP huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi permezz tal-implimentazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq.
- (26) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-RRP għall-Ungerija, minkejja l-fatt li l-Ungerija ġeneralment irrispondiet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li tappoġġa l-ekonomija permezz ta' mezzi fiskali

fl-2020, fl-2021 u fl-2022, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

***Kontribuzzjoni għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali***

- (27) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c) u l-Anness V, il-kriterju 2.3 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jkollu impatt qawwi (Klassifikazzjoni A) fuq it-tiżiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Ungerija, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq it-taffija tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isahha il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (28) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Ungerija b'1,0 % sa 1,4 % sal-2025, mingħajr ma jiġi inkluż l-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali, li jistgħu jkunu sostanzjali. L-RRP huwa mistenni jippromwovi t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'kontribuzzjoni maġġuri għall-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, jippromwovu l-innovazzjoni, jiddiġitalizzaw l-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi, u jtejbu l-kompetizzjoni fl-akkwisti pubbliċi. Il-miżuri huma mistennija jwasslu għal effiċjenza oġhla fl-enerġija fil-bini pubbliki u sehem ikbar ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli. Huma mistennija wkoll iżidu l-ħiliet diġitali u jtejbu r-riżultati fil-qasam tas-saħħa.
- (29) Fit-terminu medju sa dak fit-tul, l-RRP huwa mistenni jżid il-provvista tal-ħaddiema tas-sengħa permezz ta' riformi u investimenti fl-edukazzjoni pubblika, it-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni għolja. L-RRP huwa mistenni jagħmel kontribuzzjoni partikolari għall-ħiliet diġitali, permezz taż-żieda fl-użu tal-għodod diġitali u s-soluzzjonijiet fl-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa. Ir-riformi u l-investimenti fil-kura tas-saħħa jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv ukoll għall-provvista ta' ħaddiema. Il-potenzjal innovattiv tal-ekonomija huwa mistenni jingħata spinta mill-investimenti li jrawmu l-kollaborazzjoni ta' diversi atturi fir-riċerka u l-iżvilupp f'diversi oqsma ta' importanza strateġika. Miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliki, jiġġieldu l-korruzzjoni, isaħħu l-indipendenza ġudizzjarja, itejbu l-kwalità tal-leġiżlazzjoni u l-kwalità tan-nefqa pubblika jistgħu jstimulaw ukoll l-output potenzjali billi jtejbu l-kwalità tal-investment, speċjalment fis-settur pubbliki.
- (30) L-RRP huwa mistenni jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u jnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili. Ir-riformi u l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli, u l-investimenti fil-grilja elettrika biex jiġu akkomodati aktar sorsi tal-enerġija rinnovabbli, huma mistennija jżidu b'mod sinifikanti s-sehem tal-ġenerazzjoni tal-enerġija b'emissjonijiet zero. Barra minn hekk, l-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija f'binjiet pubbliċi u residenzjali huma mistennija jnaqqsu l-konsum tal-enerġija fossili u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Miżuri dwar il-mobbiltà sostenibbli, inkluż titjib fil-linji ferrovjarji suburbani u l-karozzi tal-linja elettriċi, huma mistennija jtejbu l-kwalità u l-effiċjenza tat-trasport pubbliki kif ukoll inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jtejbu l-kwalità tal-arja, b'effetti pożittivi fuq ir-riżultati fil-qasam tas-saħħa u l-produttività.

- (31) Il-miżuri tal-RRP li huma mistennija jkollhom impatt pożittiv fuq il-koeżjoni soċjali u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-riskji soċjali u ekonomiċi ta' gruppi vulnerabbli jinkludu l-iżvilupp tal-faċilitajiet tal-kura tat-tfal ta' età żgħira, il-promozzjoni tal-ħiliet diġitali fl-iskejjel, iż-żieda fil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-iskola żvantaġġati u l-istudenti bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali fl-edukazzjoni formali ta' kwalità, it-tnaqqis tar-riskju ta' segregazzjoni fl-iskejjel, u pakkett ta' riforma tal-kura tas-saħħa li għandu l-għan li jiżgura aċċess aktar ekwu għas-servizzi tal-kura tas-saħħa permezz ta' investimenti u l-eradikazzjoni tal-pagamenti informali ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa. Sett komprensiv ta' miżuri huwa previst ukoll li jappoġġa l-aktar insedjamenti żvantaġġati skont il-ħtiġijiet speċifiċi.

### ***La tagħmilx ħsara sinifikanti***

- (32) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d) u l-Anness V, il-kriterju 2.4 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852<sup>3</sup> (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (33) F'konformità mal-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza”<sup>4</sup>, l-Ungerija pprovdiet ġustifikazzjoni li l-ebda miżura fl-RRP tagħha ma tagħmel ħsara sinifikanti lil ebda objettiv ambjentali. Fejn meħtieġ, l-Ungerija pproponiet l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni biex tevita ħsara sinifikanti, li jenħtieġ li titnaqqax fl-istadji importanti u l-miri rilevanti.
- (34) Ngħatat attenzjoni partikolari għal miżuri li l-impatt tagħhom fuq l-objettivi ambjentali jiġġustifika skrutinju mill-qrib. B'mod partikolari, għal miżuri li jinvolvu l-bini u r-rikondizzjonar tal-infrastrutturi tal-provvista tal-ilma, l-istadji importanti rilevanti jiżguraw li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lill-ambjent, partikolarment permezz tal-implimentazzjoni tar-riżultati u l-kundizzjonijiet tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali, f'konformità mal-liġi ambjentali tal-UE, u permezz tal-iżgurar li jingħataw il-permessi rilevanti għall-astrazzjoni tal-ilma u li jintlaħaq l-istat ekoloġiku tajjeb tas-superfiċe u tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art affettwati minn dawk l-investimenti.

### ***Kontribuzzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità***

- (35) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) u l-Anness V, il-kriterju 2.5 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 48,1 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

<sup>4</sup> ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

- (36) Ir-riformi u l-investimenti fuq iż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli, it-titjib tal-grilja, u l-miżuri fl-effiċjenza fl-enerġija huma mistennija jgħinu lill-Ungerija tilħaq l-oġġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tagħha għall-2030 u jappoġġaw it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Dan huwa mistenni jintlaħaq partikolarment billi jiġi rivedut il-qafas ġuridiku u amministrattiv biex jiġi promoss l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. It-tneħħija tar-restrizzjonijiet ġenerali eżistenti għall-parkijiet eoliċi fuq l-art, u l-ħolqien ta' "żoni rakkomandati" fl-aktar reġjuni fejn jagħmel ir-riħ biex ikompli jiffaċilita l-installazzjoni tat-turbini eoliċi, huma mistennija jippermettu l-installazzjoni ta' kapaċitajiet ġodda ta' enerġija mir-riħ. It-titjib tal-proċeduri ta' permess għall-impjanti tal-enerġija li jiddependu fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli huwa mistenni jrawwem l-iskjerament tal-enerġija rinnovabbli. Iż-żieda fit-trasparenza, fil-prevedibbiltà u fid-disponibbiltà tal-proċeduri ta' konnessjoni mal-grilja għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli hija mistennija tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tagħhom, bl-oġġettiv li jintlaħqu kapaċitajiet tal-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli ta' 10 000 MW awtorizzati għall-konnessjoni mal-grilja sal-2026. F'konformità mal-RRP, jenħtieġ li dawn ir-riformi jiġu kkomplementati b'investimenti għall-iżvilupp ta' grilji għat-trażmissjoni u għad-distribuzzjoni u grilji intelliġenti, inkluż arloġġi intelliġenti, u għall-installazzjoni ta' pannelli solari u faċilitajiet tal-ħżin. Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi, b'mod partikolari fil-faċilitajiet tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, u tal-binjiet residenzjali, partikolarment bis-sostituzzjoni tat-twieqi u l-modernizzazzjoni tat-tiħin residenzjali, se jikkontribwixxu għaż-żieda fl-effiċjenza fl-enerġija.
- (37) Pakkett komprensiv ta' riformi u investimenti fit-trasport sostenibbli għandu l-għan li jappoġġa t-trasport pubbliku tal-passiġġieri u t-trasport tal-oġġetti bil-ferrovija. Dan huwa mistenni jagħti spinta lill-ekosistema ġenerali tal-mobbiltà, li jenħtieġ li tkun ta' benefiċċju għall-ekonomija, u jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport.
- (38) L-RRP jinkludi wkoll riformi u investimenti dwar l-immaniġġar sostenibbli tal-ilma, bl-għan li titjeb il-provvista tal-ilma f'reġjuni speċifiċi affettwati mill-iskarsezza tal-ilma partikolarment permezz tar-rikostruzzjoni ta' elementi tas-sistema eżistenti tal-immaniġġar tal-ilma u l-ħolqien ta' rotot tal-provvista tal-ilma, biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet taż-żamma tal-ilma bbażati fuq in-natura, biex tiġi aġġornata s-sistema tal-Ungerija tal-monitoraġġ tal-immaniġġar tal-ilma fil-livelli lokali u nazzjonali, u biex jiġu promossi l-prattiki tal-immaniġġar sostenibbli tal-ilma fost il-bdiewa. L-investimenti relatati mal-immaniġġar tal-ilma huma mistennija jikkontribwixxu għat-titjib taż-żamma tal-ilma fiż-żoni affettwati mill-iskarsezza tal-ilma u jipproteġu r-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art. L-istadji importanti rilevanti jiżguraw l-implimentazzjoni tar-riżultati u l-kundizzjonijiet tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali, f'konformità mal-liġi ambjentali tal-UE, kif ukoll jagħtu l-permessi rilevanti għall-astrazzjoni tal-ilma u li jintlaħaq l-istat ekoloġiku tajjeb tas-superfiċe u tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art affettwati minn dawk l-investimenti.
- (39) L-RRP jinkludi riformi u investimenti fuq il-ġestjoni tal-ilma sostenibbli, li huma mistennija jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, billi joħolqu ambjent legali sod u abilitanti biex titrawwem it-tranżizzjoni għall-ekonomija ċirkolari, u billi jiġi appoġġat l-użu tal-materja prima sekondarja. Dawn il-miżuri huma mistennija jgħinu lill-Ungerija tilħaq il-miri tal-Unjoni tal-2025 u l-2030 għall-immaniġġar tal-iskart.
- (40) Għalkemm l-RRP ma jinkludix miżuri speċifiċi li jiffukaw fuq il-bijodiversità, dan jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, li jistgħu

jkunu benefiċi anke għall-preservazzjoni tal-bijodiversità, billi t-tibdil fil-klima huwa wieħed mit-theddidiet ewlenin għall-bijodiversità. L-Ungerija wettqet valutazzjoni sistematika tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” li indikat li l-ebda waħda mill-miżuri proposti ma tiġġenera ħsara għall-bijodiversità.

### ***Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali***

- (41) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f) u l-Anness V, il-kriterju 2.6 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 29,8 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkulat f’konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta’ dak ir-Regolament.
- (42) L-RRP jinkludi diversi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni fil-livelli kollha, jipprovdu aċċess wiesa’ għall-edukazzjoni diġitali għat-tfal tal-iskola, għall-istudenti u għall-għalliema kif ukoll jintegraw is-soluzzjonijiet tal-edukazzjoni diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni għolja. Fid-dawl ta’ dawn l-oġġettivi, l-RRP jinkludi t-taħriġ diġitali tal-għalliema u l-investimenti fit-tagħmir tal-ICT tal-iskejjel, l-għalliema u l-istudenti, b’enfasi ddedikata fuq l-aktar studenti żvantaġġati. Il-pjan jappoġġa wkoll l-iżvilupp tal-kontenut tat-tagħlim diġitali għall-edukazzjoni vokazzjonali u terzjarja.
- (43) L-RRP jinkludi miżuri relatati mad-diġitalizzazzjoni ta’ setturi speċifiċi, b’mod partikolari dawk tas-saħħa, tat-trasport u tal-enerġija. Id-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa tkopri firxa wiesgħa ta’ inizjattivi bħall-istabbiliment ta’ ċentru tad-dijanjożtika mill-bogħod, l-introduzzjoni ta’ sistema bbażata fuq l-intelliġenza artifiċjali għas-servizz ta’ emerġenza, l-iżvilupp ta’ apps tal-mobile dwar is-saħħa u sistema ta’ monitoraġġ tal-pazjenti mill-bogħod għall-anzjani. L-iskjerament ta’ sistema ċentrali tal-ġestjoni tat-traffiku għal-linji ferrovjarji u ta’ sistema unika nazzjonali tal-informazzjoni għall-passiġġieri u tat-tariffi għall-karozzi tal-linja u għall-ferroviji huwa mistenni jtejjeb is-sigurtà, il-kwalità u l-attrattività tat-trasport pubbliku. L-iżvilupp ta’ grilja intelliġenti tal-enerġija huwa mistenni jgħaqqad aħjar il-kapaċitajiet deċentralizzati addizzjonali tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli ma-sistema attwali, sabiex in-networks jiġu adattati għar-rekwiżiti futuri u biex tkun permessa regolamentazzjoni aħjar tal-produzzjoni tal-enerġija.
- (44) Miżuri li jsaħħu s-soluzzjonijiet u s-servizzi tal-ICT tal-gvern huma mistennija wkoll jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni u t-titjib tal-amministrazzjoni pubblika. L-RRP jinkludi, fost oħrajn, miżuri dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-proċeduri tal-konformità mar-regoli tat-taxxa, dwar l-iżvilupp ulterjuri tas-sistema tal-akkwist elettroniku u dwar is-sistema tal-ġestjoni tal-fajls tas-servizz ta’ prosekuzzjoni.

### ***Impatt fit-tul***

- (45) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g) u l-Anness V, il-kriterju 2.7 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jkollu impatt fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) fit-tul fuq l-Ungerija.
- (46) L-impatt fit-tul tal-RRP huwa mirfud minn sensiela ta’ miżuri tul diversi setturi. Riformi li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika jinkludu qafas amministrattiv u ġuridiku aktar effettiv li jippromwovi l-iskjerament tas-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, qafas ta’ politika ġdid għall-ekonomija ċirkolari, monitoraġġ aħjar tar-riżorsi tal-ilma u titjib fis-sensibilizzazzjoni rigward l-immaniġġar sostenibbli tal-ilma. Barra minn

hekk, titjib fl-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi permezz tad-diġitalizzazzjoni tagħhom, inkluż fil-kura tas-saħħa, huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-impatt fit-tul tal-pjan. Aktar miżuri b'impatt fit-tul huma relatati ma' titjib fl-integrazzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol u l-eżiti tal-edukazzjoni u l-parteciġazzjoni tal-gruppi żvantaġġati u tal-inqas żoni żviluppati fl-edukazzjoni. Dan huwa kkomplementat b'investimenti fil-ħiliet diġitali.

- (47) L-RRP huwa mistenni jagħmel kontribuzzjoni sinifikanti għat-tisħiħ tar-reżiljenza istituzzjonali tal-Ungerija. Dan huwa mistenni jintlaħaq billi jissaħħa il-qafas kontra l-korruzzjoni, tissaħħa l-indipendenza ġudizzjarja, u jitjiebu l-kwalità u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. L-ambjent tan-negozju huwa mistenni jitjeb permezz ta' miżuri dwar it-titjib tas-sistema fiskali, il-prevedibbiltà regolatorja, u ż-żieda fil-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. L-RRP huwa mistenni jikkontribwixxi wkoll għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet tal-Ungerija u għal ġestjoni baġitarja soda permezz ta' rieżamijiet tan-nefqa.
- (48) L-impatt fit-tul tal-RRP jista' jissaħħa ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra ta' appoġġ, inklużi dawk iffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jindirizzaw b'mod sostantiv l-isfidi territorjali b'għeruq fondi u billi jippromwovu żvilupp ibbilanċjat.

#### ***Monitoraġġ u implimentazzjoni***

- (49) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h) u l-Anness V, il-kriterju 2.8 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (50) Il-viċi segretarjat tal-Istat responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RRP (minn issa 'l quddiem l-"Awtorità Nazzjonali") fil-ministeru responsabbli għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni huwa responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali tal-RRP u għall-progress tal-monitoraġġ biex jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri. Huwa responsabbli wkoll li jikkoordina r-rapportar tal-istadji importanti u l-miri, inklużi l-indikaturi relatati, u l-provvediment ta' *data*, bħal dwar ir-riċevituri finali. L-Awtorità Nazzjonali hija responsabbli għat-tfassil tat-talbiet għall-pagament, id-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u s-sommarju ta' awditi. Biex twettaq dawn il-kompiti, l-Awtorità Nazzjonali assenjat b'mod ċar ir-responsabbiltajiet u tiddependi fuq struttura ddedikata għall-implimentazzjoni tal-RRP. Se jsir monitoraġġ tal-progress lejn l-ilħiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri permezz ta' *data* regolament aġġornata f'sistema ta' monitoraġġ ta' informazzjoni, li għandha titpoġġa fis-seħħ mhux aktar tard minn qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament, flimkien ma' arranġamenti adegwati biex jiġu żgurati t-tempestività, l-affidabbiltà u l-veraċità tad-*data* fis-sistema ta' monitoraġġ ta' informazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitpoġġew fis-seħħ arranġamenti ta' monitoraġġ speċifiċi għad-diversi miżuri, biex tkun permessa identifikazzjoni bikrija tar-riskji u d-dewmien tal-implimentazzjoni, u intervent kif meħtieġ, u b'hekk jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-miżuri fl-RRP tibqa' fit-triq it-tajba.
- (51) L-istadji importanti u l-miri fl-RRP huma xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. L-istadji importanti u l-miri jirriflettu b'mod adegwat il-livell ġenerali ta' ambizzjoni tal-RRP, u huma ċari u realistiċi. Huma mfassla tajjeb, b'indikaturi rilevanti, aċċettabbli u robusti li jenħtieġ li jiżguraw monitoraġġ xieraq matul l-implimentazzjoni. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għall-

miżuri li diġà tlestew u li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-ilħiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri matul iż-żmien huwa meħtieġ biex tiġi ġġustifikata talba ta' żborż.

- (52) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. Jista' jintalab appoġġ tekniku skont l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> biex l-Istati Membri jiġu assistiti fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom.

### ***Stimi tal-kostijiet***

- (53) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i) u l-Anness V, il-kriterju 2.9 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (54) L-Ungerija ġeneralment ipprovdiet diżaggregazzjonijiet dettaljati tal-istimi tal-kostijiet individwali għall-investimenti u r-riformi b'kost assoċjat inkluż fl-RRP. Il-valutazzjoni tal-kostijiet turi li ħafna mill-kostijiet fl-RRP huma raġonevoli u plawżibbli. L-evidenza li tappoġġa l-istimi tal-kostijiet tipprovdi spjegazzjoni raġonevoli tal-fatturi ewlenin tal-kostijiet tal-miżuri proposti, minkejja li l-grad u l-profondità tal-evidenza pprovduta jvarjaw minn miżura għal oħra. Fil-parti l-kbira, ġew ippreżentati proġetti preċedenti, *data* attwali dwar l-offerti jew *data* komparattiva oħra dwar il-kostijiet għall-fatturi ewlenin tal-kostijiet biex iservu ta' parametru referenzjarju għall-istimi tal-kostijiet. F'xi każijiet, id-dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-istimi tal-kostijiet huma limitati, u jxekklu valutazzjoni pożittiva tal-istimi tal-kostijiet. L-Ungerija pprovdiet ukoll dokumenti ta' sostenn dettaljati għal ħafna mill-miżuri biex tirfed il-ġustifikazzjoni u l-evidenza tal-istimi tal-kostijiet. Barra minn hekk, l-Ungerija pprovdiet biżżejjed informazzjoni u assigurazzjoni biex tiżgura li l-kostijiet tal-RRP ma jkunux koperti minn finanzjament ieħor eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

### ***Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni***

- (55) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j) u l-Anness V, il-kriterju 2.10 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu korruzzjoni, frodi u kunflitti ta' interess meta jkunu qed jintużaw il-fondi pprovduti fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju minn dan ir-Regolament u minn programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-finanzi tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>.

- (56) F'konformità mal-Artikolu 20(5)(e), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-istadji importanti marbuta mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament, permezz tal-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll xierqa. L-ilħiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti huwa mistenni li jiggarrantixxi l-adegwatezza tas-sistema ta' kontroll intern, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2021/241. Meta wieħed iqis li qafas robust u effettiv kontra l-korruzzjoni, arranġamenti msaħħa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u illegalitajiet oħrajn b'mod effettiv meta jiġi implimentat l-appoġġ tal-Unjoni, sistema kompetittiva u trasparenti tal-akkwist pubbliku, u indipendenza ġudizzjarja huma prerekwiżiti għall-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern effettiva, jenħtieġ li jiġu stabbiliti stadji importanti għar-riformi rispettivi, u jenħtieġ li l-iżborżi skont il-Faċilità jkunu kundizzjonali fuq l-ilħiq tagħhom. Meta wieħed iqis li jenħtieġ li dawn l-istadji importanti jiġu stabbiliti biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll adegwata qabel ma l-Kummissjoni tawtorizza xi pagament skont il-Faċilità, jenħtieġ li l-Ungerija tilħaq l-istadji importanti kollha relatati mas-sistema ta' kontroll<sup>7</sup> qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament u jenħtieġ li ma jsir l-ebda pagament skont il-Faċilità qabel l-ilħiq tagħhom. Dan ir-rekwiżit huwa konformi u mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' rimedju li l-Ungerija pproponiet fil-kuntest tal-proċedura skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni<sup>8</sup>.
- (57) B'mod partikolari, qafas robust u effettiv kontra l-korruzzjoni huwa indispensabbli biex jiġu evitati, identifikati u kkoreġuti irregolaritajiet bħall-frodi, il-korruzzjoni, jew il-kunflitt ta' interess, u b'hekk biex jiġu żgurati arranġamenti effettivi ta' awditu u kontroll għall-RRP u l-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġu implimentati għadd ta' miżuri bħala parti mill-RRP sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 22. Dawn jinkludu l-istabbiliment ta' Awtorità għall-Integrità biex issaħħa b'mod effettiv il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-kunflitt ta' interess u l-korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħrajn li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, b'enfasi partikolari fuq l-akkwist pubbliku u l-iżgurar tal-validità tad-dikjarazzjonijiet tal-assi. Jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll Task Force kredibbli u effettiva kontra l-Korruzzjoni, b'parteċipazzjoni sinifikanti ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi indipendenti, biex teżamina l-miżuri eżistenti kontra l-korruzzjoni u tfassal proposti li jikkonċernaw it-titjib tal-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjonar tal-prattiki ta' korruzzjoni u Prattiki oħrajn bħan-nepotiżmu, il-favoritiżmu jew ir-“revolving doors” bejn is-setturi pubbliċi u privati. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitpoġġew fis-

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (OJ L 4333 , 22.12.2020, p. 1).

<sup>7</sup> Dan huwa l-każ għall-istadji importanti 160, 166, 169, 171, 174, 175, 195, 197, 198, 200, 201, 213, 214, 215, 216, 217, 218, 219, 220, 221, 222, 223, 224, 225, 226, 227 u 228.

<sup>8</sup> Kif definit f'COM(2022) 485 final – Anness tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija.

seħħ regoli li jestendu l-ambitu personali u materjali tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, u li jsaħħu s-sorveljanza u t-trasparenza dwar kif il-fondazzjonijiet għall-amministrazzjoni ta' assi ta' interess pubbliku jwettqu attività ta' interess pubbliku, u persuni ġuridiċi stabbiliti jew mantnuti minnhom, jużaw l-appoġġ tal-Unjoni. Jenħtieġ ukoll li l-istabbiliment tal-possibbiltà ta' sħarriġ ġudizzjarju effettiv tad-deċiżjonijiet li jieħu s-servizz tal-prosekuzzjoni jew l-awtorità tal-investigazzjoni li jieħdu rapport ta' reat jew itemmu proċedimenti kriminali jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-qafas kontra l-korruzzjoni, u indirettament għat-tisħiħ tal-isforzi prosekutorjali biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni. Jenħtieġ ukoll li tissaħħaħ iż-żieda fit-trasparenza tad-*data* pubblika u l-aċċess għaliha dwar, b'mod partikolari, l-użu tan-nefqa pubblika, billi din tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-qafas kontra l-korruzzjoni billi tiffaċilita s-sorveljanza indipendenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti sitt stadji importanti biex jiġi żgurat li dawn il-miżuri jiġu implimentati b'mod effettiv qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament.

(58) It-tisħiħ tal-arranġamenti biex jiġu evitati, identifikati u jiġu kkoreġuti l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u illegalitajiet oħrajn b'mod effettiv meta jiġi implimentat l-appoġġ tal-Unjoni b'mod ġenerali huma prekondizzjonijiet importanti għall-iżgurar li l-arranġamenti tal-awditjar u tal-kontroll għall-RRP ikunu effettivi, u li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu mħarsa b'mod effettiv matul l-implimentazzjoni tal-RRP. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġu implimentati għadd ta' miżuri bħala parti mill-RRP. Sabiex tissaħħaħ il-prevenzjoni kontra l-kunflitt ta' interess u l-kontrolli fuqu meta jiġi implimentat l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit Direttorat ġdid għall-Awditjar Intern u l-Integrità biex jiġi żgurat kontroll regolari u effettiv tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess u jiġu investigati suspetti rapportati ta' kunflitt ta' interess. Jenħtieġ li t-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet legali jiżguraw li l-ġestjoni tar-riskju, il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju jissaħħu; li jitpoġġew fis-seħħ regoli, proċeduri u mekkaniżmi ta' kontroll effettivi rigward id-dikjarazzjonijiet tal-kunflitt ta' interess; u li jkun hemm rotazzjoni regolari tal-persunal f'pożizzjonijiet sensittivi u li tiġi żgurata s-sorveljanza effettiva tagħhom. Jenħtieġ li jitpoġġew fis-seħħ ukoll linji gwida adegwati biex jiġi żgurat li l-korpi kollha involuti fl-implimentazzjoni u l-kontroll tal-appoġġ tal-Unjoni fi kwalunkwe livell ikunu konxji tal-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tagħhom fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-kunflitt ta' interessi. Barra minn hekk, jenħtieġ li titpoġġa fis-seħħ strateġija komprensiva u effettiva kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi relatata ma' kwalunkwe appoġġ tal-Unjoni, li jenħtieġ li tkun ikkomplementata bi pjan ta' azzjoni dettaljat. Jenħtieġ li jitpoġġew fis-seħħ ukoll proċeduri xierqa biex jiġi żgurat l-użu sħiħ u effettiv tal-għodda għall-estrazzjoni ta' *data* u l-kejl tar-riskju Arachne u biex jiġi żgurat is-segwitu effettiv tar-riskji identifikati minn dik is-sistema. Fl-aħħar nett, sabiex tissaħħaħ l-identifikazzjoni tal-frodi, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ arranġamenti leġiżlattivi li jiżguraw li l-OLAF ikun jista' jwettaq l-investigazzjonijiet u l-verifiki fuq il-post tiegħu. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti tmien stadji importanti biex jiġi żgurat li dawn il-miżuri jiġu implimentati b'mod effettiv qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament.

(59) Iż-żieda fit-trasparenza u fil-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku hija indispensabbli biex jiġu evitati irregolaritajiet, inkluż frodi, korruzzjoni, jew kunflitt ta' interess u b'hekk hija prerekwiżit għall-funzjonament effettiv ta' sistema ta' kontroll intern. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġu implimentati għadd ta' miżuri bħala parti mill-RRP. Jenħtieġ li dawn jinkludu l-iżvilupp ta' għodda ta' monitoraġġ li tivvaluta s-sehem tal-

proċeduri għall-għoti ta' kuntratt li jirriżultaw f'offerta uniċi, l-iżvilupp u t-tpoġġija fis-seħħ ta' qafas ta' kejl tal-prestazzjoni biex jiġu valutati b'mod regolari l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi, u r-raġunijiet għall-kompetizzjoni limitata fis-setturi l-aktar affettwati minn livell baxx ta' kompetizzjoni. Jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ ukoll skema ta' sostenn li tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u medji fil-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi, u miżuri li jiżviluppaw is-sistema elettronika tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi li jiffaċilitaw is-sorveljanza indipendenti u l-analiżi tal-kompetizzjoni fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi, bħala prekondizzjonijiet għat-twettiq b'mod effettiv tal-impenn li jonqos is-sehem ta' proċedura ta' akkwist b'offerta unika u biex tiġi ffaċilitata s-sorveljanza pubblika tas-sistema tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ħames stadji importanti biex jiġi żgurat li dawn il-miżuri jiġu implimentati b'mod effettiv qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament. Apparti dawn l-istadji importanti, jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll miri sussegwenti fl-RRP biex jiġi permess il-monitoraġġ u l-infurzar tat-tnaqqis tas-sehem tal-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi b'offerta unika matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRP.

- (60) Meta wieħed iqis li l-indipendenza ġudizzjarja effettiva hija prerekwiżit għall-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern, jenħtieġ li jitpoġġew fis-seħħ stadji importanti għal riformi biex jissaħħaħ ir-rwol relattiv u s-setgħat tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali fir-rigward tas-setgħat tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura, tissaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja tal-Qorti Suprema (*Kúria*), jitneħħew l-ostakli għal referenzi għal deċizzjonijiet preliminari għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u titneħħa l-possibiltà li l-awtoritajiet pubbliċi jikkontestaw id-deċizzjonijiet ġudizzjarji finali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dawn ir-riformi huma mistennija jikkontribwixxu għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan ir-rekwiżit huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu li l-Ungerija tikkonforma fi kwalunkwe ħin mal-obbligi tagħha skont id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jikkostitwixxi komponent ewlieni tal-acquis tal-UE. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti erba' stadji importanti biex jiġi żgurat li dawn il-miżuri jiġu implimentati b'mod effettiv qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament.
- (61) Is-sistema ta' kontroll u l-arranġamenti proposti fl-RRP huma bbażati fuq proċessi u strutturi robusti, li jidentifikaw b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' korpi differenti involuti fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-awditu tal-pjan, kif ukoll l-interazzjonijiet tagħhom. Dawn jipprevedu segregazzjoni ċara tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' kontroll u ta' awditu. L-Awtorità Nazzjonali hija responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali tal-RRP, għall-monitoraġġ tal-progress fuq l-istadji importanti u l-miri, għat-twettiq tal-kontrolli fuq il-korpi ta' implimentazzjoni, il-korpi tas-sottogħotjiet u r-riċevituri finali, u għat-tnejjija u l-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tat-talbiet għall-pagament kif ukoll id-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni bbażati fuq *data* verifikata mis-sistema ta' monitoraġġ. Ir-rwol tal-awtorità tal-awditjar tal-RRP huwa assenjat lid-Direttorat Ġenerali għall-Awditjar tal-Fondi Ewropej (EUTAF), li jenħtieġ li jkollu l-kapaċità meħtieġa u għandu l-esperjenza amministrattiva biex iwettaq il-kompiti tal-awditjar relatati f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. L-EUTAF huwa responsabbli għat-twettiq ta' awditi tas-sistema u ttestjar sostantiv tal-istadji importanti u l-miri implimentati li jservu ta' bażi għall-parti tas-sommarju tal-awditi ppreżentati lill-Kummissjoni mat-talbiet għall-pagament. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat l-awditu

effettiv tal-implimentazzjoni tal-RRP, l-EUTAF huwa mistenni jadotta strateġija tal-awditjar effettiva, li tkun konformi mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. Jenħtieġ li jkun hemm riżorsi adegwati disponibbli biex jiġi żgurat li l-indipendenza tal-EUTAF tkun salvagwardjata u l-kapaċità tiegħu li jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv u fil-ħin tkun garantita. Jenħtieġ li jintlaħqu ż-żewġ stadji importanti relatati qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament.

- (62) Il-kapaċità amministrattiva tas-servizzi ċentrali inkarigati bl-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tal-RRP, jiġifieri l-Awtorità Nazzjonali, hija mistennija tkun adegwata biex iwettqu r-rwoli u l-kompiti previsti tagħhom. Jenħtieġ li l-ħidma tal-Awtorità Nazzjonali tkun appoġġata minn korpi ta' implimentazzjoni inkarigati bit-tweġiq ta' ċerti kompiti ta' implimentazzjoni f'isem l-Awtorità Nazzjonali, wara verifika li dawn għandhom ir-riżorsi u l-kwalifiki meħtieġa biex iwettqu dawk il-kompiti b'mod effettiv u fil-ħin. Jenħtieġ li jitwettqu kontrolli regolari u sistematiċi fuq ir-riċevituri finali mill-korpi ta' implimentazzjoni u mill-Awtorità Nazzjonali. Jenħtieġ ukoll li l-Awtorità Nazzjonali tissorvelja l-ħidma tal-korpi ta' implimentazzjoni b'mod regolari. Barra minn hekk, jenħtieġ ukoll li d-Direttorat stabbilit għid għall-Awditjar Intern u għall-Integrità iwettaq kontrolli regolari relatati mal-kunflitt ta' interess indipendentement mill-korpi ta' kontroll l-oħrajn. Jenħtieġ li jintlaħaq stadju importanti li jikkonċerna d-dħul fis-seħħ ta' digriet tal-gvern li jistabbilixxi l-mandat legali għall-korpi kollha involuti fl-implimentazzjoni, l-awditjar u l-kontroll tal-implimentazzjoni tal-RRP qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament.
- (63) Huwa mistenni li jitpoġġew fis-seħħ proċeduri adegwati biex jiżguraw il-ġbir, il-ħżin u d-disponibbiltà tad-*data* kollha meħtieġa dwar riċevituri finali, kuntratturi, subkuntratturi u sidien benefiċjarji fis-sistema ta' informazzjoni dwar il-monitoraġġ żviluppata għall-finijiet tal-RRP. Hemm fis-seħħ mekkaniżmi ta' kontroll b'diversi livelli biex jiżguraw l-affidabbiltà u l-veraċità tad-*data* fis-sistema ta' informazzjoni dwar il-monitoraġġ. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi ppreżentat stadju importanti biex jiġi żgurat li l-funzjonalitajiet meħtieġa tas-sistema tar-repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP ikunu kompletament funzjonali u operazzjonali, inkluż mill-inqas il-funzjonalitajiet tal-iżgurar tal-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-ilħiq tal-istadji importanti u l-miri, u l-ġbir, il-ħżin u l-iżgurar tal-aċċess għad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241. Jenħtieġ li jintlaħaq dan l-istadju importanti qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament.

### ***Koerenza tal-RRP***

- (64) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k) u l-Anness V, il-kriterju 2.11 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan jinkludi fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni tar-riformi u tal-proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (65) L-RRP jirrappreżenta taħlita bbilanċjata ta' riformi u investimenti li huma konsistenti u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Il-koerenza hija żgurata fil-komponenti, b'investimenti li jakkumpanjaw riformi rilevanti, kif ukoll bejn il-komponenti differenti fl-RRP. Il-miżuri tul diversi komponenti għandhom l-għan li jtejbju l-eżiti tal-edukazzjoni, b'azzjoni mmirati lejn it-tfal tal-iskola, l-għalliema u l-iskejjel u b'enfasi fuq l-istudenti żvantaġġati u l-edukazzjoni diġitali. Fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika, l-RRP jinkludi miżuri li jipprovdu appoġġ għall-investiment għall-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija kemm għall-binjiet residenzjali kif ukoll dawk pubbliċi, b'mod partikolari għall-faċilitajiet tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa.

It-trasformazzjoni diġitali hija sistematikament promossa tul il-pjan permezz ta' kombinazzjoni ta' riformi fil-forma ta' inizjattivi ta' diġitalizzazzjoni u investimenti fit-tagħmir tal-ICT u l-iżvilupp tal-ħiliet f'setturi bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-enerġija, it-trasport u fl-amministrazzjoni pubblika. L-implimentazzjoni ta' ħafna investimenti fil-pjan tirrikjedi proċeduri effettivi tal-akkwist pubbliku, u l-pjan jinkludi sett effettiv ta' miżuri li jtejbju l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u t-trasparenza tas-sistema tal-akkwist pubbliku. Xi riformi huma mistennija jkollhom impatt trasversali fuq il-kwalità u l-effettività tal-leġiżlazzjoni fl-oqsma kollha, bħall-miżuri li għandhom l-għan li jtejbju l-kwalità u t-trasparenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-miżuri proposti fil-komponenti ma jikkontradixxux jew jimminaw l-effettività ta' xulxin, u ma għet identifikata l-ebda inkonsistenza jew kontradizzjoni bejn il-komponenti.

### ***Ugwaljanza***

- (66) L-RRP fih għadd ta' miżuri li jwieġbu għall-isfidi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-opportunitajiet ugwali. Iż-żieda fid-disponibbiltà ta' faċilitajiet tal-kura tat-tfal ta' età żgħira hija mistennija ssaħħaħ il-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fis-suq tax-xogħol u tikkontribwixxi għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-ġenituri. L-appoġġ għall-edukazzjoni tat-tfal u tal-istudenti bi bżonnijiet speċjali huwa mistenni jsaħħaħ l-edukazzjoni inklużiva. Il-konsenja ta' laptops lit-tfal tal-iskola u lill-għalliema wara l-iżvilupp ta' strateġija tal-ittestjar tal-mezzi u t-tagħmir tal-iskejjel b'għodod tal-wiri moderni u apparat ieħor tal-IT, filwaqt li tingħata prijorità lill-iskejjel b'sehem għoli ta' studenti żvantaġġati, hija mistennija ttejjeb l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali. L-integrazzjoni ta' klassijiet sekondarji tal-ewwel livell minn skejjel żgħar bi prestazzjoni baxxa f'oħrajn ikbar fl-insedjamenti ġirien hija mistennija ttejjeb l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja għal tfal b'kisbiet baxxi u żvantaġġati. Il-miżuri li jinċentivaw lill-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell biex iżidu l-proporzjon ta' studenti żvantaġġati tagħhom huma mistennija jnaqqsu s-segregazzjoni fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika. L-investimenti fis-settur tal-trasport, bħal karozzi tal-linja bl-art baxxa u stazzjonijiet ferrovjarji rinnovati, huma mistennija jtejbju l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltajiet. L-RRP jinkludi wkoll interventi integrati biex jippromwovi l-inklużjoni soċjali, b'enfasi fuq dawk li jgħixu f'insedjamenti żvantaġġati, inkluż ir-Rom. Il-miżuri ta' diġitalizzazzjoni għall-anzjani huma mistennija jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030.

### ***Awtovalutazzjoni tas-sigurtà***

- (67) Ma għetx ipprovduta awtovalutazzjoni tas-sigurtà billi l-Ungerija ma qisix li dan huwa xieraq, f'konformità mal-Artikolu 18(4), il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2021/241.

### ***Proċess ta' konsultazzjoni***

- (68) L-abbozz tal-RRP ġie ppubblikat għall-kummenti f'Marzu-April 2021. Apparti li għamlet l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ġenerali, l-Ungerija kkomunikat direttament ma' 461 organizzazzjoni, bħal muniċipalitajiet, organizzazzjonijiet nongovernattivi, organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, trade unions, organizzazzjonijiet xjentifiċi biex iħeġġuhom jagħtu l-opinjoni u s-suġġerimenti tagħhom. Minn dawn, 88 taw kontribut, b'aktar minn 1 260 suġġeriment differenti. Ċerti kummenti wasslu għal emendi tal-abbozz tal-RRP, pereżempju biex ikun hemm enfasi aħjar fuq l-ambitu tal-miżura li tappoġġa s-sistemi tat-tisħin sostenibbli għall-unitajiet domestiċi. Madankollu, xi partijiet ikkonċernati kkritikaw il-proċess, u

argumentaw li l-kontenut dettaljat tal-RRP ma kienx disponibbli kmieni biżżejjed biex ikunu jistgħu jagħmlu kummenti sinifikanti u li l-kummenti tagħhom ma setgħu jitqiesu. Apparti l-konsultazzjoni formali, saru diversi konferenzi partijiet ikkonċernati fil-livelli reġjonali u nazzjonali, b'enfasi tematika differenti tul is-sena 2021. L-Ungerija ppubblikat verżjoni ġdida f'Awwissu 2021 iżda minn dak iż-żmien ma għamlet l-ebda verżjoni emendata disponibbli u ma involvietx ruħha fi proċessi ta' konsultazzjoni addizzjonali rigward emendi li saru fl-RRP fl-2022.

- (69) Biex tiġi żgurata s-sjeda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali kollha, u l-partijiet ikkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP. Għal dak l-għan, l-RRP fih miżura li tiżviluppa strateġija għall-iżguraw tal-involviment effettiv tal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż it-twaqqif ta' kumitat ta' monitoraġġ b'parteċipazzjoni qawwija mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti biex tiġi segwita mill-qrib l-implimentazzjoni tal-RRP u jiġu pprovduti rakkomandazzjonijiet għall-Awtoritajiet Nazzjonali. Barra minn hekk, għadd ta' miżuri jinkludu impenji speċifiċi li jiżguraw b'mod espliċitu l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati fil-proċess ta' implimentazzjoni.

### ***Valutazzjoni pożittiva***

- (70) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni rigward l-RRP għall-Ungerija bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti rilevanti, il-miri u l-indikaturi, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

### ***Kontribuzzjoni finanzjarja***

- (71) Il-kost totali stmat tal-RRP tal-Ungerija huwa HUF 2 299 592 927 602, li huwa ugwali għal EUR 5 824 260 891 abbażi tar-rata ta' referenza EUR HUF medja tal-BĊE fil-perjodu mill-1 ta' April 2022 sat-30 ta' Settembru 2022. Billi l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Ungerija, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP għall-Ungerija tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Ungerija.
- (72) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Ungerija ġie aġġornat fit-30 ta' Ġunju 2022. Bħala tali, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li ammont għall-Ungerija li ma jaqbiżx il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemija fl-Artikolu 11(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament isir disponibbli issa għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022, u jenħtieġ li ammont li ma jaqbiżx il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata kkalkolata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament isir disponibbli għal impenn legali mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

- (73) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jiġi ffinanzjat mis-self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053<sup>9</sup>. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja titħallas fi ħlasijiet parzjali ladarba l-Ungerija tkun wettqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti rilevanti u l-miri identifikati b'rabta mal-implimentazzjoni tal-RRP.
- (74) Jenħtieġ li din id-Deċizzjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

##### *Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-RRP għall-Ungerija fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċizzjoni.

#### *Artikolu 2*

##### *Kontribuzzjoni finanzjarja*

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ungerija kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 5 811 147 717<sup>10</sup>. Ammont ta' EUR 4 639 429 967 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Ammont ta' EUR 1 171 717 750 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Ungerija fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċizzjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Ungerija tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għall-pagament, l-Ungerija

<sup>9</sup> ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

<sup>10</sup> Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-ispejjeż tal-Ungerija tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkolata f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

għandha tlesti l-istadji importanti u l-miri mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 3*  
*Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*